12.11

# CHELMTEIN FUK ID-DEVOZIONI GHAZIŻA TAT

# "Tliet Avemarijet"

Fost l'akua mezzi biex uiehed isalva ruhu, u uiehed minn l'agħar signali tal predestinazioni ìa id-devozioni lein il Vergini SS. Immacolata ; pħal ma igheidu collħa chem uma il Għorrief tal Cnisia. Fostom em St'Alfonsu M. De Liguori, li igheid : " Il veru devot ta Maria katt ma icun li jitlef ruħu. "

Izda, jinħtieg li uiehed jippersevera sa l'aħħar f'din id-devozioni.

Tinsab xorta ta divozioni lein l'Omm imkadsa t'Alla bil bosta għazisa u ta kauua liema pħala, li ticonsisti filli uiehed igheid ta cull jum tliet *Avemarijet* f'gieħ il privileggi, li bighom it-Trinità SS. gheniet lil Vergini Imkadsa ; divozioni li giet irrivelata u imgħallma min li stess Omm t'Alla lil Sta. Matilde.

L'euuel uieħed li ħaddem fieh u nissila ucoll fl'oħrain, chien dac il gbir Kaddis St'Antnin ta Padova. Il feghma speciali tighu f'din id-divozioni, chienet li jati gieħ lil verginità Immacolata ta Maria, u li uiehed jippersevera fil purità tar-ruh tal menti, tal kalb u tal gisem, fost il periculi li fighom il bniedem jinsab fuk dina l'art,

48964

U chien em bosta, li phal dana il Kaddis giarbu fighom u fl'oħrain il kauua tal ghainuna li tati din id-devozioni. Uara, gié dac l'imkaddes Missionariu S. Leonardu min Portomaurizio. Dana il gbir Kaddis chien igheidt dauna it-*tliet Avemarijet*, fil ghodu u fil ghaxia f'gieh Maria SS. Immacolata, biex taklagħlu il grazia li jiscansa ruhu mid-dnub il mejjet ; barra min dan, dana il Kaddis chien iuieghedt is-salvazioni lil dauc collha, li jehdu din il pratica ta divozioni u jibkghu figha perseveranti sal aħħar. Gie mbaghad St'Alfonsu M. De Liguori, li mux talli lil din id-divozioni chien iħaddima fieh, imma, ucoll b'ħerka gbira chien jahdem biex inissila fl'ohrain ; u sahansitra giè li chien jatigha b'penitenza lil dauc, li ghad ma chellomx din id-divozioni. Chien b'mod speciali jirraccomandagha lil Confessuri, biex dauna iħabircu u igigħlu l'it-tfal jeħdu din id-divozioni u jibkghu perseveranti figha. U mux cuntent b'dan biss; chien iheggeg ucoll ghaliha lil cullħatt, taibin u midinbin, nisa u rgiel, subien u bniet.

Il Papa Leone XIII, bi Brevi tat-8 ta Frar 1900 icconcieda l'Indulgenza ta mitein giurnata lil dauc li jeħdu din id-devozioni billi igheidu fil ghodu u fil ghaxia daun it-*tliet Avemarijet*, flimchien mat-talba : ***Omm tighi, harisni, f'din il giurnata mid-dnub il meiet.***

# NOVENA
# TA CBIRA KAUUA
# TAT
# " Tliet Ave Maria "

## I.

O Maria, Vergni ta gbira kauua *Virg potens*, li cull ma titlob l'Alla collox takla min ghandu, f'gieħ dich il gbira setgha, li bıgha il Missier Alla li jista collox, zeinech, jena nitolboc bil ħniena li tiekaf mighi fil bzon li fieh ninsab. Omm i il ħanina, Int li ghandech dis-setgha ech gbira idhol ghajìa là thallinix !

Jena nitma, li jecħ nakla dac, li kighedt nitolboc, dana icun ghal gloria t'Alla ghal gieh tighech u ghal gid ta ruħi ; u ghaldakstant, phal ma jena nifem, jech dana icun scont il volonta imkaddsa t'Alla, lilech nitlob, ja Omm ta gbira setgha, li tithol ghalìa kuddiem l'Iben Divin tighech, li xein ma jichad min dac li int titolbu.

Mil gdid, immela, nitolboc f'gieħ is-setgha bla kies, li il Missier Alla bigha zeinech ; u ghal gieh tahha, flimchien ma Sta Matilde, li minnech giet imgharrfa b'din id-devozini ta gbira kauua, jena ingheidlech : *Ave Maria etc.*

## II.

O Vergni divina imseiħa TRON TAL GHERF, *Sedes Sapientiae*, il għaliex fich għammar il Verb Divin, li ùa il Għerf fieh innifsu... Lilech dara l'Iben adorabili tigħech zeijen bit-tesori collħa tal għerf divin tigħu, għal ma chien jixrak ù jokgħod lil'actar perfetta fost il creaturi... Inti taf bil cobor liema pħalu tal miseria tigħi, u bil bzon li għandi tal għainuna tigħech.

Fil għerf divin, immela, tigħech jena inkiegħed it-tama tigħi; fl'idein tigħech jena nerħi għal collox ruħi, sabiex Inti bil kauua u il ħleuua tigħech collox tmexxi għal dac li ùa l'actar għal gloria t'Alla u il gid ta ruħi.

Deħ! icolloc ħniena, għeinni b'dauc il mezzi, li Inti tara l'actar meħtiegia għal dac li jena kigħedt nitolboc.

O Maria, Omm tas-Sapienza divina, aklagħli, nitolboc, dil grazia preziusa. Din il grazia jen nitlobielech f'gieħ dac il cobor liema pħalu ta Sapienza, li bieħ zeinech l'Iben divin tigħech; u flimchien ma St'Antnin ta Padova u ma S. Leonardu ta Portomaurizio, li bi għira ħerka xandru u xerdu id-devozioni tat-*tliet AveMarijet* tigħech, ingħeidlec *Ave Maria*.

# III.

Omm tat-tieba u il hleuua, vera Omm tal hniena, *Mater Misericordiae*, li f'daun l'ahhar zmenijet sejjaht lilech innifsec "Omm l'actar hanina," jena nitolboc biex thaddem mighi il cobor u it-tieba tal compassioni tighec.

Il miseria tighi actar ma hia gbira actar ghanda tigbed leja il modria tighech.

Jena naf, Ommi il hanina, li xein u xein ma tisthokkli il grazia preziusa, li kieghed nixtiek, jena, li ghal bosta u bosta drabi uaggiaitlech kalbec billi offendeit lill'Iben divin tighech. Imma, jech jena hati u hati ghal collox, jisghobbija b'kalbi collha talli fereit bil mishut dnub lil kalb hanina ta Gesù u il kalb tighech.

Izda, o Maria, ma intix, forsi, phal ma gharraft l'is-serva tighech Sta Brigida, " l'Omm tal midinbin niedma ? " Ahfirli, immela, dich il chefria li bigha min issa lura mort ngib ruhi. Hares biss lein it-tieba u il hniena tighech ; ftacar f'dic il gloria li b'din il grazia tintghata l'Alla u lilech ; aklahhieli din il grazia, li, bit-talb tighech, kieghd jen nitlob l'Alla.

O Maria, Vergini tal hniena, tat-tieba, tal hleuua, *O clemens, o pia, o dulcis virgo Maria* hatt katt ma talbech, u ma giex mismuh,

icolloc,. deh! ħniena minni. Jena nitolboc għal dac il cobor, għal dic it-tieba ta ħniena, li, għalina, li Spiritu Santu bieħ mar lilech jagħni; u f'gieħ dal cobor ta tieba u ħniena flimchien ma St. Alfonsu M. De Liguori li għallem u xerred id divozioni tat-*Tlie Avemarijet*, ingheidlech:

*Ave Marija, etc.*

*Tcun ħagia uisk sabieħa, jech uieħed uara cull uaħda min daun l'Avemarijet, izidt għal darba jeu tliet darbiet din it-talba kasira*: " O Maria, Omm ħanina tighi, inducrani u ħarisni mid-dnub il mejet."

Bis-sensja tal Cnisja.

Casa di S. Giuseppe—Hamrun.